# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

## ONOR. IMHALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 24 ta' Jannar 2022

Kawza Numru: **20**

Rikors Numru**: 1222/2012ISB**

**Jane Mizzi (Karta tal-identita' numru 267858M)**

Vs

**JAJ Company Limited (C 22257)**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-26 ta' Frar 2016, li permezz tieghu l-kumpannija **JAJ Company Limited C-22257** kienet dikjarata xjolta b'effett mis-7 ta' Dicembru 2012, u fejn kien ordnat l-istralc taghha.

Rat l-atti kollha tal-procediment ta` stralc, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mghoddija minn zmien ghal zmien mill-istralcarji kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti mizmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari mhejjija u ppresentati minn zmien ghal zmien;

Rat l-ahhar rapport mhejji (fol 442) datat 26 ta' Jannar 2021 u ppresentat fl-udjenza tal-istess data, minn fejn jirrizulta:

a) Illi fil-mument li ppresenta tali rapport, l-istralcarju kellu f'idejh is-somma ta' sittax il-elef, tlett mija u erba' u disghin Euro (€16,394) bilanc minn somma akbar illi l-istralcjarju kien irnexxielu jigbor fil-kors tal-istralc.

b) Illi hemm lista ta' kredituri u l-pjan ta' gradwazzjoni minnhu mhejjija.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2021, l-istess stralcarju talab illi l-pjan ta' gradwazzjoni minnhu mhejjija fl-istess nota tkun approvata ghal finijiet ta' skema ta' distribuzzjoni, anke jekk jidher illi mill-assi li l-istralcarju ghandhu f'idejh, mhux ser ikunu sodisfatti l-krediti kollha.

Rat l-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2021.

Il-Qorti qed:

Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-istralcjarju osserva l-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta;

Tqis li sar minn kollox min-naha tal-istralcarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tieghu skond il-ligi;

Tqis illi ma hemm xejn aktar ragjonevolment x'isir u b'hekk jista' jinghata l-provvediment finali;

Tqis li l-affarijiet tas-socjeta' huma stralcjati.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi, qed tghaddi biex:

1. **Tapprova** l-pjan ta' gradwazzjoni tad-djun tal-kumpannija JAJ Company Limited (C-22257) kif dikjarat fin-nota tal-istralcarju tas-26 ta' Jannar 2021.

2. **Tehles** lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

3. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija JAJ Company Limited (C-22257) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufieh jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija JAJ Company Limited (C-22257).

6. **Tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dik l-ordni.



**Onor. Imhallef Dr Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**